5 ta' Ottubru, 1998

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - *President***

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Jurgen W. Dobler

*versus*

Anthony Caruana

## Inċident Awtomobilistiku - Danni - Sorpass - Sigurezza

*Kawża fuq inċident stradali. Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi apporzjonat parti mir-responsabbiltà bejn il-partijiet, filwaqt illi l-Ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talbiet ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda b'dan l-att taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut biex jiġi ddikjarat unikament responsabbli għall-inċident stradali li fih kienu nvoluti u biex jiġi kkundannat iħallas id-danni konsegwenzjali:

"Billi fid-9 ta' Diċembru, 1991, għall-ħabta tat-7.45 a.m. waqt li l-istanti kien qed isuq Honda numru TUTCA 833 minn San Pawl tat-Targa fid-direzzjoni tan-Naxxar hu kien involut f'kolliżjoni mal-minibus numru Y-2095 misjuqa mill-konvenut Anthony Caruana u bħala riżultat ta' dan l-inċident sofra diversi danni;

Billi dan l-inċident ġara minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li minn posizzjoni stazzjonarja max-xellug

tat-triq qabad u ġibed għan-nofs b'mod tali li ostakola l-*passaġġ* liberu ta' l-attur;

Jgħid il-konvenut għaliex:

M'għandux jiġi ddikjarat u deċiż li l-*kolliżjoni* li ġrat fid-9 ta' Diċembru, 1991, f'San Pawl tat-Tarġa, bejn il-Honda numru TUTCA 833 ta' l-attur u l-*minibus numru Y-2095 misjuqa mill*-konvenut ġrat unikament b'tort u ħtija ta' l-istess konvenut li *wera negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti* tat-traffiku;

M'għandhomx jiġu llikwidati d-*danni li* sofra l-istess attur bħala riżultat ta' dan l-inċident, jekk hemm bżonn bl-opera ta' perit jew periti nominandi;

M'għandux il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata *in linea* ta' danni li sofra l-attur;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali *tal-5 ta' Mejju*, 1992, u bl-imgħax skond il-liġi, kontra l-konvenut li għandu jibqa' *mħarrek għas-subizzjoni*";

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

"L-ewwel talba ta' l-attur għandha tkun miċħuda stante li l-*inċident de quo* ma ġarax tort ta' *l-eċċipjent iżda ġara unikament* ħtija ta' l-attur;

Konsegwentement, it-tieni *talba* ta' l-attur għanha tkun respinta stante li ma hemmx danni x'jiġu llikwidati favur l-attur;

Isegwi ukoll li t-tielet talba ta' l-attur għandha tkun

riġettata stante li l-eċċipjent *m'għandu jkun* tenut iħallas xejn lill-attur in linea ta' danni";

B'sentenza tat-28 ta' Marzu, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet *il-kawża* billi ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;

L-Ewwel Qorti hekk esponiet il-fatti li taw lok għall-*kawża:*

"*Il-ħabta ġrat* fid-9 ta' Diċembru, 1991, għall-ħabta tat-7.45 a.m. fi Triq San Pawl tat-Tarġa, qrib Villa Arrigo. L-attur li *kien* qed isuq Honda bin-numru TUTCA 833, kien sejjer lejn in-Naxxar mis-Salini u meta saret *il*-ħabta kien fuq il-lemin tat-triq għax kien qed jissorpassa traffiku sejjer fl-istess direzzjoni *tiegħu. Il-minibus bin-numru Y-2095, misjuq mill-konvenut*, kien qed iħares lejn in-Naxxar ukoll, u u kien qed jilwi, jew kien sejjer jilwi lejn il-lemin. *Billi l-minibus* ġie quddiem il-Honda, jew qasam fit-triq quddiem il-Honda, saret il-ħabta";

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Il-perit legali maħtur mill-Qorti ħares lejn il-każ bħala wieħed ta' ħabta bejn vettura *li qiegħda* tagħmel manuvra ta' sorpass u vettura li qiegħda tilwi lejn il-lemin waqt li l-vettura l-oħra tkun qiegħda tissorpassaha. Il-perit legali kkonkluda, tajjeb, li s-sewwieq ta' vettura li sejra tilwi lejn il-lemin għandu, qabel jagħmel din il-manuvra, mhux biss juri lil min ikun ġej warajh li sejjer jagħmel il-manuvra, iżda għandu uk*oll* jaċċerta ruħu li l-karozzi oħrajn ma jkollhomx, minħabba fil-manuvra *tiegħu, jibdlu l-veloċità jew id-direzzjoni tagħhom biex jevitaw* ħabta. Il-perit ikkonkluda li l-konvenut lewa lejn il-lemin bla ma ħa din il-prekawzjoni, u għalhekk *qal li* l-ħtija hija tal-konvenut;

Din il-konklużjoni tal-perit dwar il-ħtija tkun tajba jekk *naqblu li kien il-minibus li qasam quddiem il-Honda ta' l-attur*, għax jekk il-minibus kien wieqaf, għalkemm f'nofs it-triq, u kien l-attur li daħal ġo fih, is-sitwazzjoni tinbidel;

Billi x-xhieda ma jaqblux dwar jekk il-minibus kienx miexi jew wieqaf, huwa meħtieġ li naraw ftit aħjar din il-ħaġa għax il-perit legali ma jidhirx li daħal f'din il-kwistjoni;

Anthony Diacono, prodott mill-attur, beda biex qal li l-konvenut "li kien tiela' fl-istess direzzjoni qala' biex idur għal lejn il-kappella u ġie eżatt quddiem il-vettura *ta' l-attur u* b'hekk ħabtu". Aktar 'il quddiem, iżda, kellu jistqarr li "l-minibus ma kinitx eżatt quddiemi u ma nistax naħlef li kien qed isuq";

Joanna Cassar Torreggianni, ukoll prodotta mill-attur, bdiet biex qalet "*I do not remember whether the bus was in motion or stationary on impact*" iżda wara qalet "*before he* (il-konvenut) *had hardly moved (if at all) there was the crash*";

Silvio Coleiro, li kien f'minibus ieħor li kien wieqaf fi triq laterali mal-ġenb tal-post fejn saret il-ħabta, xehed li "l-minibus kien wieqaf zoptu" u li "l-konvenut kien ilu ftit wieqaf u mhux ħafna";

Il-konvenut qal li "kont fuq il-*gear* biex naqla' meta ġie Dobler *out of nowhere* u laqatni fil-bieba";

L-attur u martu biss jgħidu li l-konvenut kien wieqaf iżda qala' qabel il-ħabta, u hekk qasam quddiem il-Honda. Iżda huwa relevanti l-fatt li hemm xi nkonsistenza f'dak li xehed l-attur quddiem il-perit legali u dak li qal lis-surġent li nvestiga l-inċident minnufih wara l-ħabta. Fl-okkorrenza hemm nota li

"mistoqsi x'ġara, Jurgen Dobler qal li kien qed isuq fi Triq San Pawl tat-Tarġa fid-direzzjoni taċ-ċentru tan-Naxxar u l-vettura ta' quddiem Y-2095 (il-minibus tal-konvenut) xegħlet l-*indicator* tax-xellug u huwa pprova jaqbeż *truck* u l-istess karozza daret fuq il-lemin u hu baqa' dieħel fuqu". Meta xehed quddiem il-perit, l-attur ma qal xejn dwar l-*indicator* tax-xellug tal-konvenut; qal biss li "*when I came close the minibus started moving towards the centre-line. I understood it was making a U-turn back to Salina; I did not notice the indicator on*". Din l-inkonsistenza tagħti xi ftit ta' skoss lill-kredibilità ta' l-attur;

Kontra dan kollu, fl-istess okkorrenza hemm parti oħra li tgħid li "Anthony Caruana qal li kien qed isuq fl-istess triq u l-istess direzzjoni, xegħel l-*indicator* tal-lemin u kif dawwar il-vettura TUTCA 833 baqgħet dieħla fuqu". Meta xehed is-Surġent Samuel Attard, dan interpreta din il-parti ta' l-okkorrenza miktuba minnu stess b'dan il-kliem: "Caruana qal li kien qed isuq fuq in-naħa tiegħu, xegħel l-*indicator* lejn il-lemin biex jidħol fis-*side street* u Dobler daħal fuqu". Ma jidhirx li dak il-ħin il-konvenut kien qal lis-surġent li kien wieqaf meta saret il-ħabta;

Il-Qorti tinterpreta dawn l-inkonsistenzi fix-xhieda billi tgħid li jidher wisq probabbli li l-konvenut, għalkemm mhux wieqaf għal kollox, kien laħaq mexa ftit li xejn qabel il-ħabta, ċertament ma laħaqx mexa distanza li tagħmel differenza rilevanti fil-posizzjoni tal-minivan, b'mod, li ukoll kieku ma mexa xejn, xorta kienet issir il-ħabta. L-attur baqa' dieħel ġol-konvenut għax ma raħx; kien għadu kif issorpassa *truck* u dan it-*truck* probabbilment ma ħalliex lill-attur jara lill-konvenut, aktar u aktar għax il-karozza ta' l-attur hija bl-*isteering wheel* fuq ix-xellug u għalhekk kellu angolu viżwali aktar magħluq;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li lill-attur ma

*seħħlux juri li l-konvenut jaħti għall-ħabta u għalhekk it-talbiet tiegħu ma jistgħux jintlaqgħu*":

Dan l-appell jimmerita li jiġi parzjalment milqugħ għaliex din il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbilità għas-sinistru kellha tiġi akkollata kwantu għal żewġ terzi (2/3) fuq il-konvenut li kien qiegħed, fl-agħar ipotesi għaliha, ittanta jagħmel *U turn* biex jinżel l-isfel lejn San Pawl il-Baħar u fl-aħjar ipotesi għalih kien *qed jagħmel manuvra biex jikser lejn il-lemin tiegħu biex* jidħol fis-*side road* in-naħa tal-Knisja; waqt li t-terz l-ieħor tar-responsabbilità kellha tiġi akkollata lill-attur li kien qed jittanta manuvra ta' sorpass viċin *junction*. Id-dinamika ta' dan l-inċident tixbah ħafna, anzi hi kważi identika għal dik ta' l-inċident li jifforma l-meritu ta' *kawża oħra deċiża ukoll illum* fl-ismijiet **Zahra *et vs* Cassar**. Il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li għamlet din il-Qorti f'dik il-kawża li fiha waslet għall-istess konklużjoni japplikaw għal din il-kawża, *mutatis mutandis*, u qed issir ampja referenza għalihom. Fiż-żewġ inċidenti l-Qorti *kellha tqis x'kienu l-obbligi li r-regolamenti* kienu jimponu fuq sewwieq li fl-arterja prinċipli jkun intenzjonat li jikser għal fuq il-lemin tiegħu biex jidħol ġo triq sekondarja u fuq sewwieq *ieħor li jkun qed jittanta sorpass minn warajh fl-istess direzzjoni* viċin dik il-*junction*. Din il-Qorti kkunsidrat li l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident kienet, f'dak il-każ, u jidher ukoll f'dan il-każ, tinvolvi liż-żewġ sewwieqa in kwantu kien is-sewqan negliġenti u traskurat tagħhom it-tnejn li kkontribwixxa b'mod determinanti għall-akkadut anke jekk fi grad differenti. Negliġenza u traskuraġni li mhux biss kienu jimportaw infrazzjonijiet kontravenzjonali espressi imma ukoll kienu materjalment ipprovokaw is-sinistru li ma kienx iseħħ li kieku almenu wieħed miż-żewġ sewwieqa aderixxa skrupolożament ma' dak li kien jimponi fuqhom is-sewqan attent u prudenti. Infatti, ċertament l-attur kellu ħtija meta ttanta jissorpassa - kif issorpassa - vettura oħra. Mhux l-aktar għaliex hekk ipprova jagħmel għal kollox jew in parti fuq *in-naħa ħażina tat-triq*.

imma għaliex, u agħar, huwa ttanta s-sorpass viċin *junction* meta kellu allura jkun prevedibbli għalih li xi vettura quddiemu, li kien intenzjonat li jissorpassa, setgħet kellha l-ħsieb li tikser lejn il-lemin biex tidħol fis-*side road*. Il-manuvra ta' sorpass hi waħda leġittima u l-fatt li s-sorpassant ikun qed joltrepassa l-linja medjana mmaġinarja tat-triq, fih innifsu, mhux element determinati għall-fini ta' responsabbilità. Imma meta s-sorpass isir b'mod inkuranti ta' dak li jistgħu jkunu ntenzjonati li jagħmlu l-vetturi quddiem is-sorpassant u f'post fejn dawk il-vetturi setgħu ukoll leġittimament jagħmlu manuvra biex iduru lejn il-lemin tagħhom biex jidħlu ġo *junction* li jkunu qed javviċinaw, is-sorpass isir ċensurabbli għaliex seta' jkun fattur li jipprovoka nċident;

Mill-banda l-oħra l-konvenut kellu ħtija, anke fi grad ogħla mill-attur, għas-sinistru għaliex kien obbligat li jkun pjenament a konoxxenza tal-posizzjoni u tal-moviment tat-traffiku li jkun qed isegwih fil-mument meta jkun ser jittanta l-manuvra riskjuża li kien intenzjonat li jagħmel. Manuvra li kienet timponi fuqu l-obbligu mhux biss li jirrallenta biex jieħu l-posizzjoni tiegħu biswit il-*junction* imma ukoll li jaċċerta ruħu mill-moviment tal-vetturi kollha li jkunu jsegwuh, waqt li jissenjala adegwatament x'kienet l-intenzjoni tiegħu. Dan proprju għaliex seta' jkun hemm il-possibilità li vettura oħra tkun qed tittanta tissorpassah. F'din l-eventwalità il-manuvra li jdur lejn il-lemin kienet timporta li jkun qed jinvadi dik il-parti tat-triq fejn ikun qiegħed isir is-sorpass;

Dawn il-konsiderazzjonijiet, flimkien ma' dawk magħmula minn din il-Qorti fil-kawża **Zahra *vs* Cassar**, appena ċċitata, iwasslu għal dik il-konklużjoni meta applikati għad-dinamika ta' l-inċident taħt eżami;

Il-ħtija ta' l-attur hi evidenti bil-fatt biss li hu ttanta

jagħmel manuvra ta' sorpass meta kien qiegħed javviċina *junction* u meta kellu jkun ovvju għalih li kien hemm almenu possibbilità li xi waħda mill-vetturi quddiemu setgħet tiddeċidi li tikser lejn il-lemin biex tidħol fil-*junction*. Jirriżulta ukoll li l-konvenut kellu l-*indicator on* immedjatament qabel l-impatt u li l-attur ma raħx jixgħel. Jirriżulta illi kemm l-attur u kif ukoll martu raw il-minibus wieqaf u jekk il-Qorti taċċetta, kif qed taċċetta, li dan kellu l-*indicator* mixgħul, kien hemm biżżejjed elementi biex jallarmaw lis-sewwieq prudenti biex jiddesisti tempestivament milli jesegwixxi l-manuvra ta' sorpass. Għal dan l-attur appellant jirribatti *illi l-konvenut ħariġlu f'salt. Hu* proprju għalhekk illi r-regolamenti jesiġu illi ma għandux isir sorpass viċin *junction*;

Il-ħtija tal-konvenut tirriżulta għal kollox mill-manuvra riskjuża li kien intenzjonat li jagħmel u mill-obbligu li kellu li jassigura ruħu li dik il-parti tal-karreġġata li hu ried jinvadi biex jidħol fil-*junction* kienet ħielsa mit-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet;

"*The act of turning across the line of oncoming traffic* (u f'dan ir-rigward anke min ikun qed jissorpassa għandu jitqies bħala tali) *is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventinoal signal in the circumstances. If a driver turns out and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has at least reasonable ground besides the pure fact of his warning of believing that he can cut across without endangering approaching traffic*" (Mazengarb, *On Negligence on the Highway*, page 329 *et seq*);

L-Ewwel Qorti skolpat lill-konvenut għaliex l-attur ma rnexxilux jipprova illi l-konvenut kien miexi fil-mument ta' l-impatt. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi kien jidher

wisq probabbli li l-konvenut, għalkemm mhux wieqaf għal kollox, *kien laħaq mexa ftit li xejn qabel il-ħabta. Ċertament*, ma laħaqx mexa distanza li tagħmel differenza rilevanti fil-posizzjoni tal-minivan b'mod li ukoll kieku ma mexa xejn xorta kienet issir il-ħabta. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-konsiderazzjoni. Apparti l-fatt li hemm elementi ta' xhieda biex *jiġi ppruvat li l-konvenut qabad u dar lejn il-lemin bla ma* attwalment waqaf, il-posizzjoni tal-minibus, kif hi angolata fl-iskizz ippreparat mis-surġent li nvestiga l-każ u kif spiċċat wara *l-ħabta, tindika illi l*-minibus *kien diġà* dar sewwa biex jibda *l*-manuvra tiegħu. Inoltre, id-daqqa fil-minibus hi proprju għan-nofs fil-ġenb fuq in-naħa tal-lemin tiegħu li jindika li dan kien diġà qed jieħu posizzjoni orizzontali fil-konfront tal-vettura ta' l-attur tiela' minn warajh. Jekk imbagħad wieħed iqis *illi l*-minibus kienet appena skorriet il-*junction* (u allura jidħol is-suspett illi l-konvenut effettivament ried jagħmel *U turn* aktar milli ried jidħol fil-*junction*) ir-responsabbilità tal-konvenut taggrava għaliex hu ċar li f'dak l-istadju l-attur kien ċertament intitolat jistenna li l-konvenut kien se jibqa' jsuq fid-dritt. Huma ukoll rilevanti l-*brake marks* wara l-karozza ta' l-attur li jekk wieħed jgħodd magħhom it-*thinking distance* jagħtu distanza adegwata li fiha l-konvenut seta' kieku waqaf u ħares biex jara xi traffiku kien ġej minn warrajh jirrealizza bil-presenza tal-vettura ta' l-attur u l-manuvra ta' sorpass li kienet qed tipprova tagħmel;

*Din il-Qorti tasal għalhekk għall-konklużjoni illi l-ħtija* għal dan l-inċident kellha tiġi ripartita kwantu għal żewġ terzi (2/3) fuq il-konvenut u kwantu għal terz (1/3) fuq l-attur. Utili għall-kompletezza illi din il-Qorti tirriproduċi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li għamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Angelo Giordimaina *vs* Silvio Coleiro** (per Imħallef G. Valenzia) li sewwa jelaboraw l-obbligi taż-żewġ sewwieqa nvoluti fl-inċident fl-istess fattispeċje bħal din il-kawża. Qed jiġu riprodotti għaliex l-isfond tal-ġurisprudenza u

awturi li tagħti dik is-sentenza *jkomplu jsaħħu* l-konklużjonijiet li waslet għalihom din il-Qorti

***"Turning to the right"***

F'dan il-każ hemm żewġ manuvri, il-manuvra ta' sorpass, u l-manuvra ta' ksur lejn il-lemin. Wieħed irid jistabbilixxi liema minn dawn il-manuvri kellha l-preċedenza;

Il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna tat preċedenza f'dawn it-tipi ta' kolliżjonijiet lil dak li jkun qed jissorpassa. Il-Qorti rriteniet diversi drabi illi f'każijiet bħal dawn in eżami il-preponderanza ta' probabbilità hija illi s-sewwieq li kien qed jikser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta (*cut across the path*) tas-sewwieq li jkun qed jissorpassah mingħajr ma jkun ta *adequate warning*;

Buchanan, *Libaility in Motor Cases*, f'paġna 29 jgħid:

*"In cases of collisions between right turning and overtaking, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right-turning motorist;*

*Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving the turning signal, he takes reasonabe steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his*

<u>*turn*</u>";

Dawn il-prinċipji ġew affermati f'għadd ta' sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fosthom:

**F. Clarke *vs* C. Aquilina**, 6.12.77;

**A. Sciberras *vs* C. Zammit**, 13.7.78;

**E. Azzopardi *vs* L. McCarthy**, 20.9.78;

**E. Deguara *vs* J. Mallia**, 25.1.83;

**C. Gendrex *vs* J. Vassallo**, 15.1.88;

**T. Duca *vs* E. Mifsud**, 15.6.88;

Dana kollu, fil-fatt ma huwa xejn ħlief *estensjoni* *tar*-regola ġenerali ta' *proper look out* li jrid iżomm sewwieq;

Artikolu 77 tal-*Highway Code* (edizzjoni antika) u artikolu 85 ta' l-Edizzjoni reċenti jgħid:

"*Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn*";

Numru 79: "*When changing direction you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*";

"Skond l-awtur Gibb, *Trial of Motor Car Accident Cases*, p. 85: "*A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of any approaching vehicle ... making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision ... The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care...*";

Skond l-awtur Wilkinson, *Road Traffic Offences*:

"*The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood*". Dan il-prinċipju hu l-bażi tad-duttrina (ara Gibb, section 101 u sentenza **J. Debattista vs Caruana**, 11.12.72);

"Min joħroġ l-*indicator*, ikun qed jagħti, kif hu obbligat, avviż lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliċement għax ħareġ l-*indicator*, jagħmel li jrid, jikser il-priorità li jagħtu r-regolamenti u jaqleb ir-*rule of the road* favur tiegħu". (Sentenza rriportata a Vol. 37, pt. IV, p. 868). "Is-sinjal għall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-*driver* li jaqsam it-triq, iżda dan mhux biżżejjed biex hu jkun jista' jaqsam" (App. Krim. **Pulizija vs F. Schembri**, 26.6.68);

L-awtur Gibb fil-ktieb tiegħu *Trial of Motor Car Accident Cases* (section 101) jgħid: "*It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose*";

Hu prinċipju stabbilit illi: "*The driver's duty is not confined to making signals, he must see, so far as he can see,*

*that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing*" (ara **Sorrie *vs* Robertson** u **Pratt *vs* Bloom**);

**Sorpass:**

Għaċ-ċirkolazzjoni ordnata tat-traffiku, regolament mill-iktar fondamentali hu dan *numru 63 tal-Motor Vehicles Regulations* li jistabbilixxi li vettura għandha taqbeż oħra minn fuq il-lemin. L-istess regolament jeċċettwa mill-applikazzjoni tiegħu l-każ fejn vettura li trid tikser għal ġo triq fuq il-lemin tagħha, tieqaf *left of centre* biex tħalli traffiku ġej mill-faċċata jilħaq jgħaddi qabel ma hija tikser lejn il-lemin. F'dan il-każ hu leġittimu li t-traffiku li jkun miexi warajha jaqla' minn fuq ix-xellug, dment li jsib l-ispazju adegwat biex jagħmel dan;

Però regola mportantissima għas-sorpass hi li dan għandu jsir b'sikurezza (App. Krim. **Pulizija *vs* Manwel Mallia,** Kollez. Vol. XLIII, p. 1001). Kif ġie osservat fl-Appell Krim. **Pulizija *vs* John Ripard**, Kollez. Vol. XXXVI, p. 749, il-kwistjoni ta' *overtaking* tista' tieħu aspett ferm speċjali fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-lokalità. Fl-Appell Krim. **Pulizija *vs* S.A.C. J. Agius**, il-Qorti osservat li *overtaking* ikun perikoluż li jsir meta *driver* prudenti jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tibdel ir-rotta;

Fil-kawża Ċivili **Bord *vs* Ciantar**, deċiża in parte P.A.S. fid-9 ta' Novembru, 1968, il-Qorti rriteniet illi l-*onus* tal-prova li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem kien negliġenti u bin-negliġenza tiegħu kkaġuna l-kolliżjoni jaqa' fuq is-sewwieq ta' l-*overtaking vehicle*;

Fil-*Highway Code*, wara li nsibu, fir-rakkomandazzjoni numru 74, fejn m'għandux isir *overtaking* insibu fi tmiem, il-

kliem "*if in doubt - hold back*". U fir-rakkomandazzjoni numru 71 insibu: "*Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others*";

Il-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, illikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm2,550. Kalkolu bbażat fuq *survey report* u provi oħra prodotti quddiemu. Ma jirriżultax li hemm xi kontestazzjoni fir-rigward ta' l-ammont ta' danni. Lanqas saru f'dan ir-rigward sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti. Ma tirriżulta l-ebda prova dwar il-ħsarat li ġarrbet il-minibus u ma saret l-ebda kontrotalba da parti tal-konvenut. Il-konvenut kellu allura jiġi kkundannat iħallas żewġ terzi (2/3) tal-ħsarat sofferti mill-attur u ċjoè żewġ terzi ta' Lm2,550 ammontanti għal Lm1,700. It-terz (1/3) l-ieħor għandu, kif ingħad, ibatihom l-attur appellant;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata revokata, billi din il-Qorti qed tirritjeni r-responsabbilità għall-inċident meritu tal-kawża, għandha tiġi akkollata kwantu għal żewġ terzi (2/3) fuq il-konvenut u kwantu għal terz (1/3) fuq l-attur. L-ammont ta' danni konsegwenzjali għall-inċident sofferti mill-attur qed jiġi llikwidat fis-somma komplessiva ta' elfejn, ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm2,550), li minnhom l-attur għandu jbati terz (1/3), ċjoè l-ammont ta' tmien mija u ħamsin lira Maltija (Lm850), waqt li l-konvenut għandu jbati ż-żewġ terzi (2/3) l-oħra u ċjoè l-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1,700). Konsegwentement, il-konvenut qed jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1,700) għas-saldu tal-pretensjoni tiegħu; u l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssopportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenut u kwantu għar-rimanenti terz (1/3) mill-attur. Jiddekorri l-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza kanonizzat mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.